**QORTI CIVILI**
**PRIM AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 437/2021 AF**

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1479/2020 fl-ismijiet:

**Joseph Pisani**

**vs**

**David Mamo u Donatella Pisani**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David Mamo li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti biex:

1. Thassar il-mandat ta' sekwestru fuq indikat stante li nhareg irregolarment kontra l-intimati b'mod solidali jew

alternattivament tiddikjara li tali mandat ma ghandux ikollu effett b'mod solidali kontra z-zewg sekwestrati izda kontra kull sekwestrat ghal dak l-ammont dovut minn dik il-parti.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara li nkwantu ghall-ispejjez gudizzjarji dovuti mir-rikorrent odjern David Mamo, huwa mhux talli m'ghandux jaghti is-somma ta' mija u tlett Ewro u disgha u hamsin centezmu (€103.59) indikata fil-mandat izda talli, kif jidher mill-annessa ratizazzjoni Dok. DM3, l-istess rikorrent odjern ghandu jircievi minghand l-ezekutant Joseph Pisani s-somma ta' elf tlett mija u tlieta u erbghin Ewro u wiehed u hamsin centemzu (€1343.51) u li konsegwentement l-ammont komplessiv dovut mir-rikorrent odjern bil-mandat fuq riferit ghandu jkun biss is-somma ta' sitta u sittin elf hames mija u disghin Ewro u tmintax-il centezmu (€66,590.18) (ossia €26,205.45+€41,728.24-€1,343.51).

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Joseph Pisani.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 281 tal-Kap. 12 tal-Ligi ta' Malta.

Ikkunsidrat illi l-principji regolatorji fil-kuntest gew estensivament spjegati fis-sentenza Zammit vs Falzon (24 ta' Mejju 2018). Ghal din is-sentenza l-Qorti taghmel pjena referenza.

Qieset illi jirrizulta illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 1479/2020 inhareg kontra David Mamo u Donatella Pisani flimkien a bazi ta' zewg sentenzi li permezz taghhom David u Donatella Pisani gew ikkundannati jhallsu somma flus lil Joseph Pisani però fi kwoti diversi.

Jirrizulta illi fit-28 ta' Gunju 2013 Joseph Farrugia kien formalment intrabat illi jesegwixxi s-sentenza "separatament".

Il-Qorti tinnota illi fl-atti tal-mandat, is-somom rispettivi dovuti gew notati. Madanakollu, galadarba l-mandat inhareg kontra t-tnejn flimkien, qieghed jigi meqjus mis-sekwestratarji banek li r-responsabilità ta' Mamo u Pisani hija wahda solidali, bir-rizultat illi David Mamo qieghed jitghabba b'responsabbilità ta' dejn ta' haddiehor ukoll.

Inoltre, tirrizulta inkontestata d-diskrepanza li minnha qieghed jilmenta David Mamo fil-kuntest tar-ratizzazzjoni tal-ispejjez gudizzjarji, u dan stante li jirrizulta li naqset li tigi korrettement inkluza t-taxxa dovuta.

Il-Qorti, fid-dawl tal-fuq espost tqis, ghalhekk li tezisti "raguni valida" a tenur tal-Art. 281 fuq citat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi l-mandat 1479/2020 m'ghandux ikollu effett b'mod solidali kontra z-zewg sekwestrati izda kontra kull sekwestrat ghal dak dovut minn dik il-parti.

Il-Qorti tiddikjara inoltre illi l-ammont komplessiv dovut mir-rikorrenti huwa ta' sitta u sittin elf hames mija u disghin Ewro u tmintax-il centezmu (€66,590.18).

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF